MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' April, 2014

Mandat Numru. 478/2014/1

**Brian Desira (ID 221272M)**

**u martu**

**Rose Desira (ID 291771M)**

**vs**

1) **Charvin Press Company Limited (C-4927)**

2) **Carmelo maghruf bhala Charles Calleja, iben Gawdenz u Emanuela nee Galdes, imwieled Marsa u residenti San Giljan,**

**Detentur tal-karta tal-identita' numerata (200654M)**

**3) Marion Calleja, mart l-istess Carmelo sive Charles Calleja, bint William Moran u Evelyn nee` Camilleri, imwielda Valletta u residenti SanGiljan, detentrici tal-karta tal-identita` numerata (747054M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat il-25 ta' Marzu, 2014;

2.0. Rat id-digriet preliminari taghha precedenti datat is-26 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu:

2.1. Laqghet l-imsemmi rikors promotur provizorjament;

2.2. Ordnat li l-istess rikors jigi notifikat lil-kontroparti ghar-risposta;

2.3. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata, (ara fol 1 u 3);

3. Rat ir-risposta tal-intimati fuq gia` indikata datata l-4 t'April, 2014, (ara fol 8 *et sequitur*);

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi in kawtela tal-kreditu vantat mir-rikorrenti permezz tal-fuq riferit rikors guramentat, ir-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

5.1. Illi l-iskop tal-istess talba ghall-hrug tal-mandat in dizamina hu biex l-intimati jinzammu milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos*, sew b'titolu oneruz, sew gratuwitu, xi proprjeta` partikolarment:

5.1.1. Il-fond "*Chez Ajellac"* kif deskritt fl-istess rikors guramentat promotur, (ara fol 1);

5.1.2. Appartament internament immarkat numru tlieta (3), parti minn blokk bl-isem "*Medina Court"*, bla numru il-Qawra, kif ukoll ampjament deskritt fl-istess rikors guramentat promotur, (ara fol 1);

5.1.3. Garaxx fl-istess blokk t'appartamenti indikat fil-paragrafu precedenti;

5.1.4. Qabar fl-Addolorata, Rahal Gdid kif hemm ukoll indentifikat;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi l-inibizzjoni fuq identifikata qed tintalab specifikatament bhala rizultat tas-segwenti:

6.1. Illi r-rikorrenti Brian Desira, waqt li kien qed jopera magna partikolari tal-intimati:

6.1.1. Kellu jdejh ix-xellugija amputata b'giljottina li taqta' il-karti;

6.1.2. Sofra griehi f'idejh il-leminija, u;

6.1.3. Kien anke fil-periklu li jitlef hajtu;

6.2. Illi d-danni komplessivi rizultanti mill-istess incident jissuperaw abbundantement is-somma ta' tlett mija u sittin elf Ewro, (€360,000.00);

Ikkunsidrat:

7. Illi l-mandat in dizamina hu l-uniku mezz li bih ir-rikorrenti jistghu jikkawtelaw il-pagament tal-eventwali danni li jistghu jigu kanonizzati lilhom;

8. Illi fl-ahharnett, ir-rikorrenti qed jitolbu wkoll in-nomina tan-Nutar indikata fl-istess rikors guramentat promotur biex fl-eventwalita` li dan il-mandat jigi akkordat b'mod definittiv,

tinnotifika l-istess mandat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet skond il-ligi;

9. Illi *ai fini* tal-artiklu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti jiddikjaraw wkoll li l-limitu tal-kreditu minnhom pretiz fl-att odjern hu ta' tlett mija hamsa u sebghin elf u erba' mitt Ewro, (€375,400.00);

10. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-intimati sintetikament wiegbu bil-mod segwenti:

11.1. Illi l-intimati Carmelo u Marion konjugi Calleja personalment m'humiex il-legittimi kontraditturi billi m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti;

11.2. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimati kif indikati fil-paragrafu precedenti ghandhom jigu respinti;

11.3. Illi l-intimata Rose Desira m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-intimati;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi ghal dak li jirrigwarda l-fatti tal-kaz in dizamina l-intimati sintetikament isostnu is-segwenti:

12.1. Illi r-rikorrenti Brian Desira kien impjegat tas-socjeta` intimata fuq riferita;

12.2. Illi l-istess rikorrenti fuq indikat kellu l-grad ta' *Guillotine Finisher*;

12.3. Illi l-istess rikorrenti kien haddiem t'esperjenza:

12.3.1. L-ewwel billi ghamel tmin (8) snin impjegat hekk *full time*;

12.3.2. Wara, u dan, miz-17 ta' Jannar, 2012, beda jahdem fl-istess xoghol bhala *part time*;

12.4. Ilil fil-hin tal-incident ir-rikorrenti koncernat kien qed jahdem wara l-hin u kien ukoll wahdu;

12.5. Illi l-incident in dizamina kien kemm wiehed sfortunat kif ukoll stramb;

12.6. Illi t-thaddim tal-magna li kkawzat is-sinistru *de quo* tirrikjedi lill-operatur taghha jaghfas u jzomm zewg (2) *switches* kontemporanjament;

12.7. Ilil ghalhekk ir-rikorrenti jirritjenu li f'cirkostanzi normali dan l-incident mhux suppost li sehh;

12.8. Illi s-socjeta` intimata hi assigurata;

Ikkunsidrat:

13. Illi ghar-ragunijiet fuq esposti t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi analizi tas-suespost fid-dawl tal-vertenza in dizamina jirrileva s-segwenti:

14.1. Ilil l-procedura inoltrata mir-rikorrenti hi wahda regolata mill-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

14.2. Illi ghandu jkun pacifiku li tali procedura hi specifikatament intiza biex izzomm persuna milli taghmel xi haga, tkun li tkun, li tista' tirreka hsara immedjata lill-parti li titlob il-hrug ta' tali mandat;

14.3. Illi hu wkoll pacifiku li qabel ma tali mandat ikun jista' jinhareg regolarment il-parti lanjanti ghandha tissodisfa r-rekwiziti statutorjament specifikatament imposti:

14.3.1. Illi l-mandat *de quo* ghandu jirrizulta necessarju biex jigu protetti d-drittijiet minnha legittimament pretizi;

14.3.2. Illi jirid ukoll ikun assodat li r-rikorrenti jkollu tal-anqas dawk id-drittijiet minnu pretizi f'livell ta' *prima facie*;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi l-fatti kif fuq sintetikament esposti mill-kontendenti jindikaw *prima facie* is-segwenti:

15.1. Illi r-rikorrenti kien impjegat fdat u t'esperjenza fl-operat tal-magna in dizamina;

15.2. Illi l-istess rikorrenti jirrizulta li wegga' b'mod serjissimu meta kien qed jopera l-magna involuta;

15.3. Illi l-magna in dizamina hi proprjeta` tas-socjeta` intimata, li taghha l-intimat Carmelo sive Charles Calleja jirrizulta mit-trattazzjoni orali li hu direttur tal-istess;

15.4. Illi kif anke jirrizulta mill-okkju tar-rikors guramentat promotur u mir-risposta ghall-istess, l-intimata Marion Calleja hi mart l-intimat indikat fil-paragrafu precedenti;

15.5. Illi r-rikorrenti Rose Desira, tirrizulta mill-istess okkju fuq indikat li hi mart ir-rikorrent Brian Desira;

15.6. Illi l-mandat t'inibizzjoni *de quo* qed jintalab bil-ghan specifiku li l-proprjeta` tal-intimati ma tigix irrimedjabbilment dissipata qabel ma jkun hemm pronunzjament kurjali definittiv fuq id-danni rikjamati mir-rikorrenti;

15.7. Illi kemm ir-rikorrenti Rose Desira u l-intimata Marion Calleja ghandhom jiffiguraw fil-procedura odjerna stante li kwalunkwe eventwali decizjoni rigwardanti d-danni rikjamati ser teffettwa l-komunjoni tal-akkwisiti appartenenti lilhom;

15.8. Illi l-intimat Carmelo sive Charles Calleja personalment ukoll hu involut fil-kontenzjoni li qed tizviluppa stante l-immedjatezza statutorja tieghu mas-socejta` intimata li hi s-sid tal-magna in dizamina u li kienet timpjega lir-rikorrenti involut fl-incident *de quo*;

Ikkunsidrat:

16. Illi tenut kont tas-suespost, jirrizulta li r-rekwiziti elenkati fl-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq riferit huma sodisfatti;

**DECIDE:**

17.0. Illi in vista tal-premess tqis ghalhekk li r-rikorrenti ippruvaw it-talbiet taghhom skond il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-intimati, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk:

17.1. Tiddikjara li qed tvatrja *contrario imperio* id-digriet preliminari precedenti taghha datat is-26 ta' Marzu, 2014;

17.2. Tordna l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimati, issa b'mod permanenti;

17.3. Illi in vista tal-artiklu 873(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tappunta lin-nutar indikata mill-istess rikorrenti fir-rikors guramentat promotur, in-Nutar Dottor Dorianne Arapa, biex a spejjez tar-rikorrenti kif stabblit statutorjament fl-istess sub-artiklu hawn riferit, tinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet bil-mandat odjern fiz-zmien hemm ukoll stipulat.

17.4. Bl-ispejjez b'din il-procedura kontra l-istess intimati fuq indikati.

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------